MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 25/2003

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Carlo Frascogna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta’ Jannar 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija sebgha u tletin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm337.73), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu, liema ammont baqa’ ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorjuipprezentat kontra l-konvenut, u bl-imghax legali sa’ l-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. S. Muscat in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija sebgha u tletin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm337.73), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta’ qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------